



Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, is-27 ta' Awwissu 2020

L-awdituri jiskrutinizzaw l-appoġġ mill-UE għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni kbira fl-Ukrajna

L-Ukrajna hija wieħed mill-akbar pajjiżi li jinsabu fil-fruntiera mal-UE, kif ukoll wieħed mill-aktar prominenti u, għaldaqstant, wieħed mill-benefiċjarji prinċipali tal-politika tal-viceinat tal-UE. Minħabba l-korruzzjoni prevalenti li qiegħda thedded it-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp soċjali tal-pajjiż, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri se tivvaluta l-effettività tal-azzjoni tal-UE biex tindirizza l-korruzzjoni kbira fl-Ukrajna.

L-Ukrajna ilha tagħmel parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat mill-2013 u, sitt snin ilu, fl-aħħar iffirmit ftehim ta' assoċjazzjoni wara r-“rivoluzzjoni ta' Maidan”. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni Ewropea impenjat madwar EUR 15-il miljun mill-2014 'il hawn, u b'hekk hija l-akbar donatur għall-Ukrajna. L-objettiv prinċipali tal-UE huwa li tappoġġa l-aġenda ta' riforma tal-pajjiż fi triqtu lejn integrazzjoni ekonomika u assoċjazzjoni politika aktar mill-qrib. Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni hija element ewlieni fl-ilħuq ta' dawn l-objettivi.

L-Ukrajna hija kkaratterizzata minn livell baxx ta' konformità mal-istat tad-dritt u livell għoli ħafna ta' korruzzjoni. Dawn huma elenkati b'mod ġenerali fost il-problemi l-kbar tagħha, flimkien mal-faqar u l-gwerra. L-indiċi dwar il-perċezzjoni tal-korruzzjoni 2019 ta' Transparency International jikklassifika lill-Ukrajna fil-120 post minn 180 pajjiż. Ta' tħassib akbar huwa l-fatt li l-Ukrajna tbat i minn korruzzjoni kbira u mill-influenza ta' oligarkija, li jostakolaw serjament l-iżvilupp ekonomiku tagħha. Il-morsa tal-oligarkija tal-pajjiż testendi għall-ġudikatura u l-gvern, u b'hekk ixkekkel kwalunkwe żvilupp demokratiku.

“Il-korruzzjoni kbira u l-manipulazzjoni tal-istat għadhom pervażivi u sistemiċi fl-Ukrajna u ma tista' sseħħ l-ebda bidla reali jekk dawn ma jiġux indirizzati”, qal Juhan Parts, il-Membru tal-

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-previżjoni ta' awditu maħruġa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Il-previżjoni sħiħa hija disponibbli bl-Ingliż fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għall-awditu. *“Billi l-Ukrajna hija wieħed mill-pajjiżi sħab kbar tal-viċinat tagħna, l-awditu tagħna se jevalwa b’mod partikolari l-effiċjenza u l-eżiti tal-appoġġ u l-miżuri tal-UE.”*

Il-ftehim ta’ assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna jqis kemm l-istat tad-dritt kif ukoll il-ġlieda kontra l-korruzzjoni bħala prijoritajiet ewlenin fl-għoti ta’ appoġġ għall-iżvilupp demokratiku, ekonomiku u soċjali tal-pajjiż. Barra minn hekk, l-UE stabbiliet kundizzjonijiet għall-programmi ta’ assistenza makrofinanzjarja u ta’ appoġġ baġitarju tagħha, kif ukoll għar-reġim tal-liberalizzazzjoni tal-viżi, fejn tirrikjedi miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

L-awdituri se jeżaminaw mill-qrib jekk l-appoġġ mill-UE għall-Ukrajna kienx effettiv fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. B’mod partikolari, huma se jeżaminaw jekk:

- o il-Kummissjoni Ewropea fasslitx miżuri xierqa;
- o l-appoġġ mill-UE pproduċiex ir-riżultati mistennija fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni kbira.

Nota lill-edituri

Transparency International tiddefinixxi l-korruzzjoni kbira bħala l-abbuż ta’ setgħa ta’ livell għoli li jibbenefika lill-ftit għad-detriment tal-ħafna, u li jikkawża dannu serju u mifrux lill-individwi u s-soċjetà.

L-istat tad-dritt jirrikjedi sistema ta’ liġi ċerta u prevedibbli, fejn kulħadd għandu d-dritt jiġi ttrattat minn dawk kollha li jieħdu d-deċiżjonijiet b’mod dinjituż, ugwali u razzjonali, skont il-liġi, u li jkollu l-opportunità li jopponi deċiżjonijiet quddiem qrati indipendenti u imparzjali permezz ta’ proċeduri ġusti. Bħala wieħed mill-valuri fundaturi tal-UE, dan huwa prinċipju gwida fil-politika barranija tagħha.

Il-previżjoni ta’ awditu, li ġiet ippubblikata llum, tipprovdi informazzjoni dwar kompitu tal-awditjar li għaddej bħalissa dwar l-appoġġ mill-UE għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni kbira fl-Ukrajna. L-awditu huwa mistenni li jiġi kkompletat sa nofs l-2021. Il-previżjonijiet ta’ awditi huma bbażati fuq xogħol ta’ thejġija li jsir qabel ma jinbeda awditu u ma għandhomx jitqiesu bħala osservazzjonijiet, konklużjonijiet jew rakkomandazzjonijiet tal-awditjar. Il-previżjoni ta’ awditu sħiħa hija disponibbli bl-Ingliż fuq www.eca.europa.eu.

Informazzjoni dwar il-miżuri li l-QEA ħadet b’reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 tista’ tinstab [hawnhekk](#).

Kuntatt għall-istampa għal din il-previżjoni ta’ awditu

Vincent Bourgeois – E: vincent.bourgeois@eca.europa.eu

T: (+352) 4398 47502 / M: (+352) 691 551 502